# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 4 1

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3121/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Stefan Caruana (ID.339985M)**

**vs**

**Island Sightseeing Limited (C52826)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

Illum 13 ta' Jannar 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Stefan Caruana prezentat fir-Registru tal-Qorti fid-19 ta' April 2013 tramite l-avukat Dottor Abigail Galea. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba diversi ragunijiet, fosthom li l-presidenza ta' dan it-Tribunal kien jehtigilha tinbidel fil-mori tal-kaz.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa gie impjegat fuq bazi indefinittiva bhala *bus driver* mas-socjeta` intimata fit-23 ta' April 2012. Jghid li fit-18 ta' Lulju 2012, parti mir-rotta tax-xoghol tar-rikorrent kienet tinkorpora waqfa hdejn il-lukanda Westin Dragonara Hotel, pero dakinhar kien hemm hafna coaches ohra hdejn il-pick-up point li jinsab gewwa, u l-porter tal-lukanda ghamillu sinjal li ma kienx hemm nies biex jirkbu: ghalhekk ir-rikorrent ma

dahalx. Gara li minhabba hafna traffiku, huwa xorta ma setax jitlaq u ghamel 15 –il minuta hdejn il-lukanda mwahhal.  Waqt li kien ghadu hemm ircieva telefonata minghand Mario Attard li kienu gew xi nies mill-lukanda ghax kienu raw l-istess bus u dawn rikbu fuq il-bus misjuqa mir-rikorrent. Ir-rikorrent spjega c-cirkostanzi kollha ta' dik il-gurnata partikolari, izda  is-socjeta` intimata xorta wahda harget *warning* kontra r-rikorrent.

Jghid li jumejn wara dan l-incident, huwa inghata warning iehor, din id-darba ghaliex huwa irrapporta ghax-xoghol tard.  F'din l-okkazjoni huwa mill-ewwel ammetta l-akkuza izda stqarr li kellu raguni valida, u dan ghaliex ibnu minuri kien dahal l-isptar.

Jghid li fit-18 ta' Dicembru  2012 huwa inghata *warning* iehor, din id-darba gie allegat li r-ikorrent ma kompliex il-green Route via St George's Bay, kif rikjest li jaghmel, u li nizzel 2 passiggieri fi Triq Sant'  Andrija minflok ma hadhom lura l-lukanda.  Ir-rikorrent spjega li din  kienet l-ewwel gurnata li qatt hadem fuq din il-*Green Route* u ghalhekk huwa kien genwinament ghadu ma tghallimx  sewwa ir-rotta.  Dwar iz-zewg passiggieri, ir-rikorrent  jghid li certu Chris maghruf bhala "il-Lager" kien qallu li dawn iz-zewg passiggieri kellhom jitwaqqfu mar-roundabout, u dan juri li huwa waqqafhom hemm minghajr ma kellu ebda intensjoni li jikser xi regolament tal-kumpanija intimata, oltre li ma kienx jaf ir-rotta sew;  pero s-socjeta` intimata xorta wahda ddeciedet li titterminalu l-impieg bl-ahhar data tax-xoghol tieghu tkun dik tat-2 ta' Jannar 2013.  Jghid li din it-terminazzjoni tal-impieg ma kinitx wahda valida ai termini tal-ligi.   Ghalhekk huwa qieghed jitlob li dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kienet wahda ingusta u li jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu  81 tal-Kap  452 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li r-rikorrent jigi reintegrat f'xogholu u jithallas kumpens gust.

Ir-rikorrent ipprezenta d-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu fejn ikkonferma dak kollu li huwa qal fir-rikors promotur tieghu.

Il-kumpanija intimata dahhlet Risposta fejn qablet li Stefan Caruana inghata impieg fit-23 ta' April 2012 fuq bazi indefinittiva, pero` huwa kien diga' jahdem mal-istess kumpanija intimata u kien twaqqaf mill-impieg minhabba li kiser ir-regolamenti tal-istess socjeta` intimata ripetutament.

Jinghad li fit-18 ta' Lulju 2012 ir-rikorrent ma dahalx jigbor il-passiggieri li kienu diga' ibbukkjati minn qabel, u kif il-porter tal-lukanda ra dan cempel lill-persuna responsabbli, Mario Attard, biex jirrapporta din il-problema. Qed jigi michud li r-rikorrent baqa' 15 –il minuta wieqaf hdejn il-lukanda izda skond it-"tracking-system" waqaf 3 minuti biss, u ghalhekk il-lukanda htigilha tikri van iehor malajr biex il-passiggieri jittiehdu fid-destinazzjoni taghhom.

Dwar it-tieni *warning* inghad li r-rikorrent suppost beda l-vjagg fit-8:15am mir-Riviera Hotel fil-Marfa, izda fit-8:21am kien ghadu Bugibba. Biex ma titharbatx l-iskeda kollha tar-rotta, l-kumpanija intimata kriet xarabank ohra biex tiehu l-passiggieri tal-Marfa lejn Bugibba; jinghad li qabel infetah dan il-kaz ir-rikorrent kien spjega li kien baqa' rieqed, u qatt ma semma li kellu ibnu l-isptar. Fi kwalunkwe kaz huwa ma avvza lil hadd li kien ser jittardja.

Jinghad ukoll li fit-30 ta' Novembru 2012 l-General Manager tas-socjeta' intimata kien sejjah lix-xufiera kollha (inkluz ir-rikorrent) biex jispjega kif kellhom jinhadmu r-rotot; ghalhekk meta sehh l-incident tat-18 ta' Dicembru 2012 ir-rikorrent messu kien jaf kif kellha tinhadem il-Green Route. In oltre huwa kien diga' hadem fuqha darbtejn ohra fil-jiem ta' qabel. Dakinhar huwa inghata t-tielet *warning* ghaliex ma kompliex ir-rotta kif suppost u halla zewg passiggieri San Giljan ( fi Triq Sant' Andrija hdejn ir-round-about).

Jinghad li r-rikorrent issejjah ghal laqgha fejn kellu jispjega n-nuqqasijiet tieghu u, kif inghad, huwa ma gabx ir-ragunijiet li qed igib hawn hlief li fit-tielet okkazjoni huwa qal li m'ghamilx il-Green Route sewwa ghax kien ghadu ma tghallimhiex sew. Ghalhekk l-impieg tieghu gie terminat.

Jinghad ukoll mis-sojceta intimata li fix-xhur ta' wara r-rikorrent kiteb affarijiet mhux xierqa fil-pagna tal-Facebook tal-General Manager Chris Fenech u fuq il-pagna ta' Facebook tal-kumpanija CitySightseeing Malta li titmexxa mit-tifla ta' wahda mid-diretturi tas-socjeta' intimata. Jinghad li fil-21 ta' Mejju 2013 r-

rikorrent hedded lil Mario Attard li dawk tal-kumpanija intimata ser "ipattuha kollha." Jinghad ukoll li ftit wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu, ir-rikorrent ghadda l-Brochure bir-rotot godda li kienu ippjanati lil certu Sean Abela li kellu konnessjonijiet mal-kumpanija kompetitrici, u dan bi hsara ghall-istess kumpanija intimata. Jinghad li r-rikorrent dejjem kien jagixxi b'mod vendikattiv u kkawza hsara lill-kumpanija intimata u kien ghalhekk li d-diretturi iddecidew li dana jitkecca wara li kien inghata l-opportunita' jispjega ruhu kif mehtieg mill-ligi. Jinghad li ghalhekk it-tkeccija mill-impieg kienet gustifikata u in osservanza tal-ligijiet kollha applikabbli, u ghalhekk ir-rikorrent la ghandu jinghata lura l-impieg u l-anqas kumpens.

IL-PROVI MIGJUBA

Il-kumpanija intimata bdiet tressaq il-provi taghha sa mill-ewwel seduta, u dan billi xehedu Mario Attard u Christopher Fenech.

Xhed Mario Attard li kien ilu sena u tmin xhur *transport coordinator* mal-kumpanija intimata, li spjega l-incidenti li fuqhom inhargu *written warnings*. Fl-ewwel okkazjoni tat-18 ta' Lulju 2012 r-rikorrent Caruana ghadda bil-bus minn hdejn il-Westin Dragonara izda ma dahalx gewwa biex jigbor il-passiggieri ibbukkjati. Jghid li l-passiggieri hargu fit-triq u lahquh ghax kien imwahhal fit-traffic. Jghid li kien diga' wasal bejn id-Dragonara u l-Hilton meta kien wieqaf ghal xi 12 –il minuta u l-passiggieri gew jilhquh.

Dwar it-tieni *warning* jghid li dakinhar ir-rikorrent kien qieghed tard ghax-xoghol, ghalhekk huwa cempillu biex jara x'gara, u r-rikorrent qallu li kien tard ghax baqa' rieqed: ma semmielu xejn li kellu ibnu l-isptar. Ghalhekk Caruana gie dirett imur Bugibba mill-ewwel biex igib il-hin, u l-passiggieri tac-Cirkewwa ittiehdu Bugibba bi transport iehor li inkera apposta biex tissolva din il-problema. Jghid li r-rikorrent kemm-il darba kien jidhol tard ghax-xoghol, kemm qabel dan l-incident kif ukoll wara.

Dwar it-tielet *warning* jghid li skond ir-rotta Caruana kellu jidhol San Giljan hdejn l-ITS u hdejn ir-Radisson; huwa kellu passiggieri li riedu jmorru hemm izda r-rikorrent qata' r-rotta fil-qasir u nizzilhom hdejn ir-roundabout ta' barra Paceville. Huwa anqas spjega lill-passiggieri kif setghu jaslu ghall-lukanda taghhom. Jghid li fil-waqt li r-rikorrent jghid li ma kienx tghallem ir-rotta sewwa, ir-rotta kienet anke spjegata fuq il-brochure li jinghataw lil-passiggieri, u dan permezz ta' mappa cara. Jghid li r-rikorrent kien diga' hadem din ir-rotta qabel, u anke kien ghamilha hazin u huma gibdulu l-attenzjoni ghal dan.
Jghid li kellmu xi granet wara, u dan qallu li huwa kien qed 'imexxi' lix-xufiera kontra l-kumpanija intimata, u li kien ser isir xi kaz il-qorti kontriha.

Chris Fenech xhed li bhala General Manager kien jaf li Caruana kien ilu jahdem mal-kumpanija intimata ghal certu zmien, u fis-26 ta' Jannar 2012 tkecca minhabba imgieba mhux korretta, u dan wara li qala' tliet *warnings* ohra apparti dawk imsemmija mix-xhud precedenti. Gew esebiti xi *warnings*: wiehed ta' Ottubru 2011 meta r-rikorrent allegatament cempel lit-tabib tal-kumpanija, iehor tas-6 ta' Jannar 2012 ghax kien qed imur tard ghax-xoghol, iehor tal-24 ta' Jannar 2012 ghax spicca r-rotta qabel il-hin, u iehor tal-istess data ghaliex il-kumpanija skopriet bit-*tracking system* taghha li r-rikorrent bidel ir-rotta u mar sad-dar li tinsab ferm il-boghod mir-rotta li suppost jiehu.
Il-*warnings* li issemmew qabel jirreferu ghall-impieg il-gdid: fl-ewwel okkazjoni x-xhud jirribatti l-allegazzjoni tar-rikorrent li kien il-porter li ghamillu sinjal biex ma jidholx fil-Westin Dragonara, ghax kien l-istess porter li cemplilhom dak il-hin stess biex jipprotesta ghaliex ix-xufier baqa' ghaddej.
Dwar it-tieni okkazjoni jaf il-fatti biss minn dak li qallu x-xhud precedenti - li r-rikorrent kien tard ghax baqa' rieqed u ma kellu ebda raguni ohra valida. Pero` anqas meta xi jiem wara t-tkeccija baghat ghar-rikorrent biex jiggustifika ruhu, dan ma semmielux xi raguni valida jew li kellu xi bzonn ta' sptar. Dwar it-tielet *warning* ikkonferma li x-xufiera kollha gew infurmati bir-rotot il-godda u tahom il-brochures li fihom il-mappa minn fejn iridu jghaddu, u stedinhom isaqsuh jekk kellhom xi dubju jew diffikulta' . It-*tracking system* ikkonfermat l-ilment imqajjem mill-passiggiera tar-Radisson Blue li oggezzjonaw ghall-fatt

li flok ittiehdu fil-lukanda thallew go Regional Road li hija l-boghod mhux hazin. Imbaghad inzammet laqgha fil-21 ta' Dicembru 2012 biex ir-rikorrent jinghata l-opportunita` jispjega n-nuqqasijiet tieghu izda ma kellu ebda gustifikazzjoni valida. Meta lejliet il-Milied kienet ghadha ma ttehditx decizjoni dwar x'ser isir mir-rikorrent, ir-rikorrent cempel u qalilhom li jekk ma kienux ser jghidulu bic-cert li ser jibqa' jahdem, ma kienx ser jahdmilhom il-vjagg li kellu jaghmel f'jum il-Milied fl-4.00pm. Peress li ma tawhx risposta definittiva, iddecieda li ma jahdimx. Imbaghad fis-26 ta' Dicembru iddecidew li fuq dan kollu ikeccuh. Issemmew kumment fuq siti tal-internett in relazzjoni ma' kumpanija relatata Citysight Seeing Malta, pero` dan it-Tribunal qed iqishom irrelevanti ghal dan il-kaz.

Richard D'Alfonso xhed dwar incident fejn fit-30 ta' Novembru 2012 ix-xhufiera gew infurmati b'rotot godda u brochures relattivi sabiex ikunu aktar kompetittivi minn kumpanija kompetitrici. Dawn ir-rotot kellhom jibdew xi ftit jiem wara, u x-xufiera intalbu li jzommuhom kunfidenzjali. Pero` dan ix-xhud ra lir-rikorrent imur jaghti dan il-brochure lit-tifel tas-sid ta' kumpanija kompetitrici. Brenda Vella mill-ETC xhedet dwar l-impiegi tar-rikorrent, u jidher li meta tkecca l-ewwel darba ir-rikorrent sab xoghol alternattiv malajr, pero meta tkecca t-tieni darba baqa' ma sabx impieg alternattiv, sa dakinhar.

Ir-rikorrent beda x-xhieda tieghu billi tkellem dwar it-tliet rotot tal-kumpanija, u li kemm dam fl-impieg dawn inbidlu darbtejn. Dwar il-*warning* tal-Westin jghid li l-passiggieri tal-Westin gew fit-triq qabel ma lehaq wasal fid-dahla tal-Westin, u allura sa ma wasal quddiem id-dahla tal-Westin ma kienx fadallu nies xi jtella, u baqa' sejjer. Din il-verzjoni hi kemmxejn differenti minn dik li ta fir-rikors originali tieghu.

Dwar it-tieni *warning* ir-rikorrent issa qed jaccetta li dahal tard ghax-xoghol ghax baqa' rieqed ghax kien ghamel vjagg bil-lejl, mhux ghax kellu ibnu l-isptar. Igifieri anke hawn il-verzjoni inbidlet.

Dwar it-tielet *warning* ir-rikorrent jghid li peress li kien ghadu ma derax sew ir-rotta l-gdida li kellu, staqsa lill-inspector Chris Cutajar x'kellu jaghmel bil-passiggieri tar-Radisson Blue, u dan qallu biex ihallihom hdejn ir-roundabout ta' hdejn Paceville, u hu hekk ghamel. Jghid li dawn l-istruzzjonijiet tahomlu bil-Facebook. Wara li qala' l-warning ir-rikorrent mar jipprotesta ma' dan Chris u Chris qallu li kien ser ikellimhom hu lil tal-kumpanija, izda imbaghad xorta tkecca.

Dwar il-brochures, ir-rikorrent jghid li jekk xi hadd ha xi wiehed, huwa ma jkollux kontroll ghax kulhadd seta' jiehu bhalhom; b'hekk huwa qed jichad li ta brochure lil xi hadd meta kienu ghadhom sigrieti.

Xhed Chris Cutajar li jahdem mal-kumpanija intimata bhala ticket-seller. Mix-xhieda tieghu jidher li r-rikorrent staqsih fejn iwaqqaf il-passiggieri tar-Radisson Blue, u dan qallu hdejn ir-roundabout li hemm vicin, pero` r-rikorrent ma waqqafhomx fejn qallu hu. Jidher li r-rikorrent fehem ir-roundabout l-ohra li hemm barra Paceville. Ghalhekk huwa mar ikellem lill-manager izda dan qallu biex ma jidholx fil-kwistjoni.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu *warning*s li hargu kontra r-rikorrent wara li huwa kien diga' tkecca mill-impieg (wara tlieta jew erba' warnings miktubin ohra). Dwar l-ewwel *warning* dan it-Tribunal ihoss li l-ispjegazzjoni tar-rikorrent hija tghawwiga ta' dak li fil-fatt sehh. Jista' jaghti l-kaz li r-rikorrent fehem hazin xi mossa tal-porter u baqa' sejjer, imma certament mhux verosimili li l-passiggieri gew fuq il-bus tieghu qabel ma wasal. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li r-rikorrent kien irresponsabbli li baqa' ghaddej minghajr ma accerta ruhu sewwa ma' min hu fuqu li ma kellux jidhol gol-Westin. Dwar it-tieni *warning*, it-Tribunal jinnota li originarjament ir-rikorrent kien ser igib skuza b'ibnu l-isptar – skuza gravi – pero fit-Trinunal ammetta li baqa' rieqed u li l-*warning* huwa gusitifikat. It-tielet *warning* rigwardanti l-passiggieri tar-

Radisson, ukoll jidher li kien hemm m*isunderstanding* bejn ir-rikorrent u Chris Cutajar dwar ma' liema roundabout kellhom jithallew il-passiggieri. Pero`, mill-gdid, ir-rikorrent kien jehtieglu jaccerta ruhu mir-rotta ma' min hu fuqu u mhux ma' ticket seller. Ir-rikorrent naqas sew ghaliex staqsa lil min ma kienx idoneu, kif ukoll ghaliex l-affarijiet messu iccarahom qabel ma hareg isuq, mhux f'nofs triq. Ghalhekk jidher li t-tliet *warnings* huma gusitifikati. Ghal kull buon fini jinghad li r-rikorrent messu qaghad hafna aktar attent la darba huwa kien diga' tkecca qabel u accettaw li jdahhluh lura ftit xhur qabel. Meta jsiru nuqqasijiet bhal dawn, id-dannu ma jkunx biss ghas-socjeta' intimata li tinghata isem hazin, imma anke ghal Malta kollha. Kumpanija li taqa' taht is-sorveljanza tat-Trasport Pubbliku Malti trid taghti rendikont sew tar-rotot u tal-hinijiet, li necessarjament ghandhom jinzammu koerenti. Jirrizulta li anke din tal-hin kienet problema ghar-rikorrent li jzommha, u r-rikorrent igib l-iskuza li jidhol kmieni u ma jkollu xejn x'jaghmel. It-Tribunal jinnota wkoll li f'jum il-Milied, meta d-decizjoni tat-tkeccija kienet ghadha ma ttehditx (u fil-fatt huwa baqa' fl-impieg sa Jannar), huwa qabad u ma marx jahdem ir-rotta tal-4.00pm.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg kienet gustifikata, u ghalhekk mhemmx lok li s-socjeta` intimata tigi ordnata thallas kumpens lir-rikorrenti jew li tirreintegrah fl-impieg li kellu. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman